Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 10 – It-Tlieta 3 ta' Novembru 2015 b'kontinwazzjoni l-Ħamis 12 ta' Novembru 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6:00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u giet preseduta mis-Sindku.

2.0 Gew ikkonfermati l-minuti tal-laqgħa ta' qabel.

**3.0 Korrispondenza u Kommunikazzjoni mis-Sindku**

3.1 Is-Sindku Franco Ciangura rrefera għal-laqgħa li huwa kellu mal-Kap tal-Iskola Primarja t'Għajnsielem rigward diversi oqsma fosthom il-kompetizzjoni tal-Christmas Card, l-attivitajiet konnessi mal-EWWR 2015, u l-Kunsill tat-Tfal. Huwa semma' li t-tinda fl-entratura tal-iskola ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-Kap tal-iskola u minn dawk kollha li jużawha. Fil-fatt gejna kkuntatjati mill-FES peress li għoġbithom u talbuna dettalji dwarha. Huwa semma' wkoll li l-Kap resqitlu t-talba ta' librerija addizzjonali. Il-Kunsill qabel li l-librerija li għandna hija suffiċenti u li għandha tinfetaħ matul il-ħinijiet tal-iskola biex jagħmlu użu minnha l-istudenti.

3.2 Is-Sindku rrefera wkoll għad-diskussjoni dwar il-kompetizzjoni tal-kartolina tal-Milied u li għandha tkun miftuħa għall-istudenti minn Year 1 sa Year 6 u

jingħata premju lil kull rebbieħ minn kull klassi kemm għat-tpingija tal-Kartolina kif ukoll għall-messaġġ ta' ġol-kartolina. Bħala tema ta' din il-kompetizzjoni għandha tkun 'In-nativita'. Is-Sindku Franco Ciangura ssuġġerixxa li għandha tingħata tifkira żgħira lill-parteċipanti kollha. Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ġibed l-attenzjoni li jekk tiġi printjata din il-kartolina li ser titqassam fir-residenzi kollha t'Għajnsielem għandha ssir fuq karta riċiklata.

3.3 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Perit Joseph Stellini f'isem il-klijent tiegħu Kenneth Grech biex jitlob in-No Objection tal-Kunsill sabiex jagħmel canopy fuq it-terrazzin tal-bar tiegħu fi Triq Martino Garces. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm ma jkunx jimblokka xi aċċess pubbliku.

3.4 Is-Sindku rrefera għall-ilment mingħand is-Sur Joseph Camilleri rigward in-nuqqas ta' ħajt fi Triq il-Provigarju u li qed ikun il-kaġun li ma kull xita qed taqa' ħafna ħamrija għall-Triq l-Imġarr. Huwa rrefera għat-talba li saret lid-Direttur Mark Formosa sabiex jinbena mill-ġdid dan il-ħajt li kien inqala' meta kienet qed issir it-triq prinċipali. Il-Kunsill iddiskuta l-kwistjoni dwar min hu obbligat li jibni l-ħajt la darba l-għalqa hija waħda privata.

3.5 Ġiet trattata l-ittra li s-Sindku Franco Ciangura bgħat lill-President tal-GFA rigward il-fatt li ser issir partita tal-Futbol u li Għajnsielem FC ser jipparteċipaw fiha, fl-istess ħin tal-Miġja tas-Slaten Maġi f'Bethlehem. Huwa talab sabiex il-partita tiġi xxiftjata b'xi jum jew tal-anqas issir aktar qabel għax dan itellef milli jkollok il-voluntiera f'Bethlehem f'Għajnsielem. Sar qbil li għandna nitolbu lill-Ministeru għal Għawdex sabiex hu wkoll jagħmel il-pressjoni tiegħu dwar dan.

3.6 Ġew trattati l-quotations miġbura sabiex il-Kunsill ikun jista jixtri generator. L-istimi miġbura kienu:-
Domenic Department Store: €1200.06
Agius Industrial : €1200:00
Rapa Showrooms : €1189.97

L-għażla waqgħet fuq l-istimi provduti mingħand Rapa Showrooms u mingħand John Agius. Sar qbil li għandna niċċekkjaw il-garanzija xi tkopri u mbagħad nieħdu deċiżżjoni wara.

3.7 Ġiet trattata l-korrispondenza li għaddiet bejn il-Kunsill u Frans Mallia rigward id-depożitu li kien tħallas mis-sidien tal-Mgarr Heights biex jintużaw taħt il-fond EIPP rigward embellishment fil-lokalita' u għat-talba li l-Kunsill għamel biex jirranġa t-triq ta' quddiemhom, kaġun tal-ħsara mġarrba waqt il-kostruzzjoni. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob laqgħa mal-MEPA f'dan ir-rigward.

3.8 Ġiet trattata l-ittra mingħand il-Comune di Revine Lago fejn esprimew li aċċettaw li ż-żewġ komunitajiet jibdew relazzjoni ta' ħbiberija. Il-Kunsill qabel li l-ewwel attivita' ser tkun proprju it-tluq tas-Slaten Maġi minn dan il-post. Sar qbil li għandna ngħidulhom jekk hux meħtieġ li delegazzjoni mill-Kunsill Għajnsielem tmur tagħmel żjara hemm f'Novembru kif ukoll tigi mistiedna delegazzjoni minn tagħhom għal ftuħ ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

3.9 Ġiet trattata l-korrispondenza rigward minn hu l-President tal-Kunsill Skolastiku. Il-Kunsill qabel li għandu jiċċekja jekk hemmx President tal-Kunsill Skolastiku li kien innominat mill-Kunsill.

3.10 Ġiet trattata l-applikazjoni tal-Premju Frans Sammut. Il-Kunsill qabel li għandu jinnomina lis-Sur Joseph Cauchi minn Għajnsielem għall-imħabba li għandu lejn il-lingwa Maltija u għall-għajnuna li jagħti lill-għaqdiet kollha tal-lokal u lill-Kunsill fejn tidħol korrezzjoni tal-lingwa qabel stampar jew pubblikazzjonijiet.

3.11 Ġiet trattata t-talba ta' bozza ġdida fi Triq Wied ir-Għajjes. Il-Kunsill approva t-talba ta' din il-lampa.

## 4.0 Environment Waste Reduction Week 2015

4.1 Is-Sindku rrefera għall-attivita' li ser tiġi organizzata b'konnessjoni mal-ġimgħa ewropeja dedikata għat-tnaqqis tal-iskart. Sar qbil li l-attivita' ser tkun tinkludi sessions dwar kif isir il-compost, chef professjonali li jagħti sezzjoni ta' riċetti ta' ikel magħmul minn left overs, sezzjoni ta' mosaic, show ta' Catch the Drop organizzata mill-HSBC u sezzjonijiet oħra nformattivi bl-għajnuna tal-Wasteserv u EcoGozo.

## 5.0 Għażla tal-Quotation għat-Tiżjin tal-Milied

5.1 Għall-offerta tat-tiżjin tal-Milied, daħlet offerta waħda biss mingħand Chris Gauci b'option 1 ghall-prezz ta' €2870 u Option 2 għall-prezz ta' €3580 Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel Option 2 peress li t-tiżjin provdut huwa isbaħ u sar qbil li t-tiżjin tas-sigar għandu jħallih barra. Sar qbil li l-Kunsill ghandu jixtri light rope hu u jqabbad lil Aurelio Bugeja biex jdawwhom bih hu. Sar qbil li għandhom jinxtraw ta' kwalita tajba u jibqgħu hemm is-sena kollha u jinxtegħlu f'xi okkażżjniet u festi speċjali.

## 6.0 Bollards u Tabelli fi Triq ta' Fuq il-Għajn

6.1 Il-Viċi Sindku rrefera għal fatt li ntbagħtet ittra lir-residenti ta' Triq ta' Fuq il-Għajn rigward il-bollards u t-tabelli 'One Way' u li l-Kunsill ma kienx infurmat dwarha. Huwa semma' li sar jaf biha minn nies tat-triq. Huwa semma' wkoll li din l-ittra kkaġunat diżgwid. Huwa propona li ssir One Way miż-żewġ naħat u li ma jsirx bollard għax jista jkun ta' nkonvenjent kbir għall-istess residenti.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din il-materja u sar qbil li fil-preżent jitwaħħlu t-tabelli biss.

## 7.0 Xogħolijiet tal-Pjazza tad-Dehra

7.1 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi staqsa rigward il-pipe quddiem il-funtana u li l-culvert ser jogħla. Is-Sindku semma' li l-kanal ta'mal-genb ser jitwal. Is-Sindku rrefera wkoll għall-katusa li ġejja mit-taraġ u li qed iddejjaq lin-nies.

7.2 Il-Kunsill qabel li l-bankijiet tal-pjazza tad-dehra jingħataw kisja varniċ biex jibqa l-effett ta' natural teak filwaqt li l-fanali jinżebgħu blu skur ħafna.

7.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi ssuġġerixxa li l-bankijiet ma jitwaħħlux taħt is-siġar minħabba li jitħammġu ħafna bil-ħmieġ tal-għasafar u ma jkunux jistgħu jintużaw. Huwa rrefera wkoll għal xi parir li ingħata li s-siġar jiġu trimjati minn ġewwa biex ma jkollomx spazju fejn ibejtu.

## 8.0 Attivitajiet Ġimgħa t'Għajnsielem u Attivitajiet tal-Milied

8.1 Il-Kunsillier Larry Buttigieg propona li ssir Sports day u li nixtru medalji għall-partecipanti. Sar qbil li l-isports day għandha tiġi organizzata flimkien mal-Għajnsielem FC u mar-Redcoats nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru. Huwa propona wkoll attivita' ta' partita bejn il-veterani. Is-Sur Buttigieg propona wkoll li għal Ġimgha t'Għajnsielem għandha tiġi organizzata coach li ttellgha' xi supporters sabiex jissapportjaw lit-tim tal-futbol Għajnselmiz meta fis-16 ta' Diċembru ser jilgħabu f'Ta' Qali Malta kontra Qormi.

8.2 Rigward l-għoti ta' Premju Ġieh Għajnsielem, il-Kunsill qabel li għandu jsir fil-Grand Hotel nhar it-Tnejn 7 ta' Diċembru 2015. Il-Kunsill qabel unanimament li l-premju Ġieh Għajnsielem din is-sena għandu jingħata lill-eks Sindku Francis Cauchi. Sar qbil li għandna nistħarrġu sabiex il-Grand Hotell jagħtuna prezz tajjeb għar-reception ibbażata fuq *finger food* peress li jinħtieġ li jiġu mistiedna numru ta' nies peress li lis-Sur Cauchi jafuh ħafna nies li ħadem magħhom matul il-21 sena li huwa għamel bħala Sindku. Sar qbil ukoll li nistiednu lir-rebbieħa tal-Premju Ġieh Għajnsielem tas-snin preċedenti. Bħala rigal għal Ġieh Għajnsielem minbarra s-shield tas-soltu u t-trofew, sar qbil li għandu jiġi ordnat album bir-ritratti ta' ħidmet Francis Cauchi biex jingħatalu bħala rigal. Sar qbil li bħala *entertainment* għandna nqabbdu lil Mario Caruana filwaqt li bħala preżentatur tas-serata għandna nqabbdu lil Lelio Spiteri.

8.3 Rigward l-Opening ta' Bethlehem f'Għajnsielem jinħtieġ li nipprintjaw l-inviti u li jiġu mistiedna l-persuni li għandna fil-lista ta' invitanti. Bħala reception għandna ninkarigaw lill-Grand Hotel u nordnaw ammont anqas mis-soltu.

8.4 Sar qbil li għandha tiġi organizzata wirja bir-ritratti ta' Bethlehem f'Għajnsielem matul is-snin fis-sala tal-Każin tal-Banda. Sar qbil li għandna nikkuntatjaw lil Joseph Sultana sabiex jipprovdilna ritratti tajbin biex jiġu pprintjati.

8.5 Sar qbil li ssir partita għal veterani u li jingħatalhom ritratt tal-okkażżjoni.

8.6 Sar qbil li fis-19 ta' Diċembru jiġi organizzat festin għat-tfal kollha fl-Arka u jiġi ordnat xi entertainment.

8.7 Sar qbil li fil-21 ta' Dicembru ssir l-attivita' tal-anzjani u fit-18 ta' Dicembru ssir iz-zjara lil dawk l-anzjani li ma johorgux minn djarhom.

## 9.0 Betlehem f'Għajnsielem 2015

9.1 Il-Kunsill qabel li din is-sena l-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru, għandha ssir mill-Ministru għal Għawdex Anton Refalo.

## 10.0 Ħarġa għal Malta

10.1 Sar qbil li nhar il-11 ta' Dicembru għandha tiġi organizzata ħarġa għall-Malta. Il-Kunsill qabel li l-programm għandu jkun jinkludi żjara lill-bini tal-Parlament il-ġdid, il-Barrakka ta' Fuq, ikel fil-Waterfront u ftit ħin ta' Shopping f'The Point, Sliema. Il-Kunsill qabel li għandu jordna coach li tgħabbi n-nies mill-pjazza t'Għajnsielem u tibqa magħhom fuq il-vapur, Malta u lura sal-pjazza. Sar qbil li għandna nippromovu din l-attivita' fuq il-facebook page tal-Kunsill kif ukoll b'avviż f'kull dar.

## 11.0 Monti f'Għajnsielem

11.1 Is-Sindku rrefera għall-interess kbir li hawn mis-sidien tal-monti għall-organizazzjoni tal-Monti f'Għajnsielem. Saret diskussjoni dwar il-bankarelli kif għandhom isiru u kif għandha taħdem is-sistema. Sar qbil li wara l-festi tal-Milied għandha ssir laqgħa għal dawk kollha li esprimew interess u li jiġu mfassla sett ta' regolamenti.

## 12.0 Tenders għal Toroq bit-tarmak

12.1 Il-Kunsill qabel li għandu jistħarreġ mal-Perit Edward Scerri dwar it-tender documents biex tinħareġ l-offerta għal kisi mill-gdid b'gholi ta' zewg pulzieri, lil parti minn Triq Hamri, parti minn Triq iż-Żewwieqa u Triq Għajnsielem.

## 13.0 Sitwazzjoni tal-Bring-in-sites

13.1 Is-Sindku rrefera għall-kuntratt li kien hemm rigward it-tbattil tad-dome bring-in-sites u li dan twaqqaf bil-kaġun li dawn ma għandhom jitbattlu. F'dan l-istadju l-Kunsill qabel li wara d-diversi lmenti li kien qed ikun hemm rigward użu ħażin mill-Bring-in-Sites tal-Gudja, sar qbil li dawn jitneħħew u jitpoġġew minflok dawk li hemm taħt il-Każin. Il-Kunsill qabel li għandu jara fejn ser jiddepożita l-Bring-in-Sites tiegħu anke jekk iħallas ammont żgħir lil xi ħadd talli jagħmlilna dan.

13.2 Il-Kunsill qabel li għandu jara fejn ser jiddepożita l-Bring-in-Sites tiegħu.

## 14.0 Applikazzjonijiet għall-attivitajiet kulturali

14.1 Is-Sindku rrefera għas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-finanzjament tal-attivitajiet kulturali. Huwa semma' li saru żewġ applikazzjonijiet; waħda għall-Bethlehem f'Għajnsielem 2016 u oħra għall-attivita' innovattiva tal-Karnival 2016.

## 15.0 Laqgħa mal-Onor Chris Said

15.1 Preżenti għal-laqgħa kien hemm l-Onor Chris Said fuq talba li ressaq huwa stess sabiex jiltaqa' mal-Kunsill f'sensiela ta' laqgħat li qed jorganizza fejn huwa lest li jisma l-ilmenti tal-Kunsill fejn ghalkemm mill-oppozizzjoni jista' jagħmel il-pressjoni tiegħu biex jimbotta l-każ.

15.2 Is-Sindku Franco Ciangura rringrazzjah ta' din il-laqgħa u ntroduċa l-ħidma tal-Kunsill t'Għajnsielem bħala waħda b'saħħitha għax din l-amministrazzjoni wirtet Kunsill b'saħħtu bi proġetti b'saħħithom bħalma huwa Bethlehem f'Għajnsielem u l-Pjazza tad-Dehra. Is-Sindku semma' li minkejja dan, il-problemi ma jonqsux fosthom il-problema tal-iskart, problemi ta' over speeding speċjalment fi Triq l-Imgarr u l-ħtieġa ta' speed cameras, problemi ta' bozoz maħruqa u oħrajn. Saret referenza wkoll għall-ħtieġa mill-ġdid tar-rotta 303 li kienet tgħaqqad lill-Għajnsielem mal-irħula viċin tan-Nadur u Qala. Saret referenza wkoll għall-gżira ta' Kemuna li għalkemm taqa' taħt il-konfini tal-Kunsill t'Għajnsielem, hija kompetenza tal-Gvern Ċentrali. Saret referenza għall-festa li saret fiha dan is-sajf u għal potenzjal li fiha għall- attivitajiet simili, iżda l-gżira hija mitluqa u abbandunata.

15.3 Is-Sindku rrefera wkoll għal fatt li ssemmiet il-proposta ta' Yacth Marina f'Għajnsielem u għax-xniegħat li tista tkun fix-Xatt l-Aħmar. Huwa semma' li ntbgħatet ittra lill-Prim Ministru rigward il-ħtieġa ta' konsultazzjoni mal-Kunsill fi proġetti kbar bħal dawn.

15.4 Il-Viċi Sindku rrefera għall-ħtieġa ta' Swimmers zone, tindif u aċċess fil-bajja ta' wara ż-Żewwieqa u għall-problemi li qed niffaċjaw mal-MEPA f'dan ir-rigward.

Huwa rrefera wkoll għall-ilmenti li qed ikun hemm peress li x-showers fiż-Zewwieqa qed ikunu dejjem magħluqin. Is-Sindku rrefera għall-fatt li l-Kunsill qed jaħdem ħafna għall-aċċess tal-bajjiet fosthom l-irranġar tat-triq tax-Xatt l-Aħmar li kienet perikoluża ferm għas-sewwieqa.

15.5 L-Onor Said irringrazzja lill-Kunsill tal-laqgħa tiegħu u wegħdu li ser jagħmel ħiltu kollha biex jgħin lill-Kunsill kemm jista jkun.

## 16.0 Progett tal-Frame

16.1 Is-Sindku semma' li sabiex dan il-proġett isir kemm jista jkun malajr biex iservi ta' attrazzjoni oħra għal Bethlehem f'Għajnsielem, jinħtieġ li x-xogħolijiet għandhom jinqassmu. Sar qbil li għandha tinġabar quotation tal-konkos, isir qafas tal-ħadid tal-frame, u turf madwar. Il-Kunsilliera Karen Xuereb proponiet li għandna niktbu lid-Direttorat tat-Turizmu biex jinkludu l-manuntenzjoni tat-turf ma' dak tar-roundabout tal-vicin.

## 17.0 Offerta tat- Turf

17.1 Għall-offerti tat-Turf fil-Pjazza tad-dehra, il-Kunsill irċieva żewg offerti; dik ta' Xerri's Garden għall-prezz ta' €10,490.97 u dik mingħand ELC Ltd għal prezz ta' €15,232.49.

17.2 Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward għandu jagħżel l-orħos offerta dik ta' Xerri's Garden Centre.

## 18.0 Materji ohra

18.1 Is-Segretarja ressqet it-talba tagħha sabiex terfa' 39 siegha mill-Vacation Leave tagħha għas-sena 2015 għas-sena 2016. Il-Kunsill qabel ma' din it-talba.

18.2 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi kif ukoll il-kunsillier Peter Caruana rrefera għall-importanza tal-manutenzjoni regolari fuq il-Belveder speċjalment f'dak li huwa tħawwil ta' pjanti u tneħħija ta' pjanti nexfin. Sar qbil li għandna nibdlu l-pjanti li hemm b'oħrajn.

18.3 Il-Kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għal fatt li hemm ħaddied minn San Lawrenz li forsi jista jiġi janima t-tradizzjoni tiegħu fil-presepju. Hija proponiet wkoll xi persuni li jistgħu jipprattikaw is-snajja tal-qfief u nases.

18.4 Is-Segretarja Lucienne Haber irreferiet għal fatt li għal perijodu qasir ser isservi ta' Aġent Segretarju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz. Hija wegħdet lil Kunsill li dan ser ikun fuq bażi ta' perijodu qasir sakemm tinħareġ l-applikazzjoni u jinħatar Segretarju Ezekuttiv u li dmirha lejn il-Kunsill Lokali Għajnsielem ser tibqa tagħti l-massimu tiegħu.

18.5 Ġiet trattata r-ringrazzjament mingħand il-Patrijiet ta' Sant'Antnin rigward l-attivita' tal-iscouts konnessa mat-tberik tal-annimali.

18.6 Ġiet trattat ringrazzjament ieħor mingħand persuna fi Triq Simirat talli rrangajna l-ħajt tal-Wied.

18.7 Ġiet diskussa l-kwistjoni jekk għandhom xi żewġ rapprezentanti mill-Kunsill imorru f'Revine Lago, il-post li minnu ser jitilqu l-Maġi biex jaraw li kollox ikun pjanat sew peress li l-prezzijiet tal-ajru lejn dan il-post matul ix-xahar ta' Novembru huma minimi ħafna. Is-Sindku semma li jemmen li jekk għandu jsir xi tip ta' ħbiberija ma' dan il-post, il-bidu għandu jkun b'saħħtu billi jmur il-Kunsill kollu. Il-Vici Sindku rrimarka li huwa mportanti li jekk isir xi tip ta' ġemellaġġ, il-post għandu jkun fih lukandi u viċin ta' postijiet u bliet oħra biex jirnexxi.

18.8 Il-Kunsillier Larry Buttigieg staqsa għaliex l-ittra li sar qbil li tintbgħat fl-aħħar laqgħa baqgħet ma ntbgħatitx.

18.9 Wara diskussjoni twila dwar dan is-suġġett sar qbil li għandha tintbgħat ittra li fuq stedina li s-Sindku ta' Revine Lago għamlet biex tiltaqa' ma' rappreżentanti tal-Kunsill f'Colle Umberto, fl-okkazzjoni taċ-ċelebrazzjoni tal-għaxar anniversarju bejn Colle Umberto u San Lawrenz, il-Kunsill qabel li għandu jirripondiha li ma jistax jilqa t-talba tagħha peress li dakinhar jaħbat l-opening ta' Bethlehem f'Għajnsielem 2015. Sar qbil li għandna nibgħatulhom li jekk għandhom pjaċir li mmorru f'xi ġurnata qabel għad-diskussjonijiet jew inkellha jiġu huma, iżda fil-każ li ma jseħħ l-ebda proposta minn dawn, nipproċedu bit-tluq tal-Maġi fl-aħħar tas-sena minn dan il-post.

18.10 Sar qbil li għandha tiġi organizzata wkoll kompetizzjoni għall-isbaħ presepju u l-isbaħ tieqa bil-bambin.

18.11 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi staqsa x'sar mit-talba tad-dawl quddiem il-Playing Field tal-Gudja. Is-Sindku wieġbu li d-dawl huwa approvat u qed niġru wara l-kuntrattur biex jagħmel l-istallazzjoni tiegħu.

18.12 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi ġibed l-attenzjoni li l-Pjazza ilha qadima hija mudlama ħafna. Sar qbil li għandna nistħarrġu jekk il-lampi jistgħux jinbidlu f'oħrajn aktar qawwijin.

18.13 Is-Sindku rrefera wkoll li għal darb'oħra l-Kunsill ingħata s-somma ta' €10,000 mingħand is-Segretarjat Parlamentari għal Gvern Lokali bħala għajnuna għat-twettiq tal-attivita' Bethelehem f'Għajnsielem 2015.

18.14 Il-Kunsillier Peter Caruana talab sabiex tinżebaħ Stop Sign fi Triq il-Gudja kantuniera ma' Triq Sant'Antnin.

18.15 Il-Vici Sindku Kevin Cauchi talab sabiex issir bankina dejqa fi Triq Simirat sabiex isservi bħala passaġġ f'każ ta' xita peress li din it-triq iżżomm ħafna ilma.

18.16 Is-Sindku rrefera għall-ittra li dehret fl-Orizzont rigward il-bini ta' ħajt fi Triq Xprunara li sar proprju biex jingħalaq l-aċċess minħabba dawk li kienu qed ikabbru n-naħal fl-inħawi.

## 19.0 Approvazzjoni tal-pagamenti

19.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati biex jitħallsu.

## Tmiem tal-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fl-10:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Ezekuttiv**